MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 78/2012

**Socjeta 360 Food Import Limited**

**Vs**

**Marion Cucciardi u b'digriet tat-3 ta' Lulju, 2012 l-isem Manion ghandu jigi jaqra "Marion"**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fil-31 ta' Jannar, 2012** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' hames mija u tmienja u hamsin euro u wiehed u tmenin ċenteżmu ta' euro [€558.81c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Thallas is-somma ta' Euro558.81 (hames mija u tmienja u hamsin euro u wiehed u tmenin euro ċenteżmi) jew somma verjuri, rappreżentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-6 ta' Dicembru 2011, u bl-imghax tat-8% fuq Euro558.81 mis-6 ta' Awwissu, 2011 sal-hlas effettiv, u, inkluż Euro 23.30 – konsult, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimata** minnha mressqa fis-26 ta' April, 2012 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"Illi t-talba attriċi ghandha tiġi michuda u dan ghas-segwenti raġunijiet:

i. Illi mhux minnu li l-intimata hija kreditrici tas-socjeta rikorrenti peress li hija la qatt ma ġiet interpellata biex thallas xi kont jew fattura mil-istess soċjetà rikorrenti.

ii. Illi ma hemm l-ebda fatturi mhux imhallsa stante li hija dejjem hallset kull fattura li kienet tibghatilha l-istess soċjetà.

iii. Salv kull eċċezzjoni ohra permissibbli bil-ligi";

Ra l-verbal tad-29 ta' Novembru, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand l-intimata tas-somma ta' €558.81c rappreżentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilha. L-intimata laqghet ghal din it-talba billi qalet li t-talbiet tas-socjeta rikorrenti ghandhom jiġu michuda peress li hija ma hijiex kreditrici (sic) tas-socjeta rikorrenti u dan peress li hija qatt ma ġiet interpellata biex thallas xi kont jew xi fattura minnha u li ma hemm l-ebda

fattura mhux imhallsa stante li hija dejjem hallset kull fattura li kienet tibghatilha l-istess soċjetà rikorrenti.

Ikkunsidra;

2. Fis-seduta tat-23 ta' Mejju, 2012 **xehed Joseph Busuttil**, *accounts clerk* mas-socjeta rikorrenti. Huwa beda biex qal li l-procedura li tuza s-socjeta rikorrenti ghar-rigward tal-bejgh tal-prodotti taghha hija li jkun hemm *sales representative* illi jdur il-hwienet jigbor l-ordnijiet. Dik l-ordni mbaghad tidhol fil-kumpanija u l-merkanzija titqieghed go van jew trakk skont il-kas u tkun mqasma lil minn ikun ghamel l-ordni.

Zied ighid li s-*sales rep*, apparti li tigbor l-ordnijiet tigbor il-flus u cioe' l-pagament li jkun dovut fuq il-kontijiet pendenti li jkollu l-individwu maghna.

Qal li meta jmur id-*delivery man*, tal-hanut generalment jivverifika x-xoghol, jara li jkun kollox sew u jiffirma ghal dik il-merkanzija li jkun ha.

Ix-xhud esebixxa rendikont (*statement*) li gie mmarkat bhala dokument JBO 1 u l-fatturi relattivi ffirmati mill-intimata. Huwa stqarr li l-ammont li ghadu dovut mill-intimata huwa ta' hames mija u sitt euro u wiehed u tletin centezmi ta' euro (€506.31). Ghar-rigward tal-modalita tal-hlas, ix-xhud qal li l-ftehim mal-intimata kien illi hija thallas is-somma ta' sebghin euro (€70) fil-gimgha sabiex dejjem jinqatghu l-kontijiet pendenti li kellha. L-istess xhud esebixxa rendikont iehor, li gie mmarkat bhala dok. JBO 2 li juru l-hlasijiet li ghamlet il-konvenuta f'Settembru, 2011. Dan id-dokument, ikompli jghid ix-xhud, gie esebit sabiex juri "*illi fihom l-istess firma ta' dawk illi ma humiex imhallsin*" (fol. 22).

Is-*sales rep* tas-socjeta rikorrenti nfurmat lix-xhud li l-intimata "*la riedet taghmel ordnijiet u lanqas riedet thallas ghal dak li kellha pendenti*" (fol. 22). X'hin ra hekk huwa cemplilha sabiex jippruvaw jaslu f'arrangament izda ma rnexxielhomx. Meta ra hekk, is-socjeta rikorrenti kitbet ittra

legali lill-intimata, kopja ta' liema giet esebita u mmarkata bhala dok JBO 3.

Fis-seduta tat-3 ta' Lulju, 2012 x-xhud esebixxa renikont (*statement of account*) li jibda mit-22 ta' Marzu 2010 sa l-21 ta' Novembru 2011 u cioe' d-data meta waqfet tixtri. Dan ir-rendikont, ikompli jghid ix-xhud, juri bilanc ta' €506.31 u "*fih jidher dak kollu li xtrat il-konvenuta u dak kollu li hallset lilna. Dan l-istatement of account qieghed jigi mmarkat bhala dokument JB4*" (fol. 52).

3. Fis-seduta tat-23 ta' Mejju, 2012 **xehdet l-intimata** in subizzjoni li qalet li qeghda taghraf il-firma taghha fuq kull faccata li hemm mad-dokument immarkat bl-ittri JBO 1 (fol. 29 et seq). Fis-seduta tat-3 ta' Lulju, 2012 xehdet minn jeddha u qalet li hija saret taf bis-socjeta rikorrenti minghand Neil Galea De Marco. Stqarret illi meta kienet tixtri minghand is-socjeta rikorrenti hija dejjem hallset bi flus kontanti. L-intimata ghaddiet biex esebiet tmien (8) ricevuti tas-socjeta rikorrenti "*li juru l-hlasijiet li jiena kont naghmel lilha stess tul iz-zmien. Dawn il-hlasijiet jiena kont naghmilhom lill-impjegata tas-socjeta' attrici. Dawn l-ircevuti qeghdin immarkati komplessivament bhala dok MC2*" (fol. 53).

Tghid li hi kienet thallas lis-*sales girl* li kienet tmur ghandha l-ufficju. Meta ma kienx ikollha s-sebghin euro (€70) ta' dik il-gimgha partikolari, hi kienet tghidilha li ma kellhiex flus u ma kienet taghtiha xejn, imbaghad "*il-gimgha ta' wara mbaghad kont nghaddilha l-hlas doppju*".

L-intimata ghaddiet biex tipprezenta dokument immarkat bhala dok. MC 3 (fol. 60) li huwa dokument maghmul minn Neil Galea De Marco u li "*fih qed jinghad illi jiena ma ghandi naghti xejn lis-socjeta attrici peress illi kien gie miftiehem li l-ammont li kellha taghti s-socjeta' attrici lil kumpanija ta' Neil Galea De Marco jigi paccut mal-ammont li kelli naghti jiena*".

Ziedet tghid li fuq l-ammont ta' €506 ma kien mar ikellimha hadd il-hanut dwarhom. U kull ma qalulha kien li jekk hi ma kienitx ser thallas l-ammont dovut, is-socjeta

rikorrenti kienet ser itellaha l-Qorti kif effettivament ghamlet.

In kontro-ezami, l-intimata qalet li kull meta l-addetti tas-socjeta rikorrenti kienu jiehdu l-merkanzija fil-hanut taghha hija kienet tiffirma d-*delivery notes*. Meta giet mistoqsija ghalfejn kienet waqfet taghmel il-pagamenti f'Novembru tas-sena 2011, l-intimata qalet li hi waqfet taghmel il-pagamenti "*propju minhabba dak li spjegajt aktar qabel fix-xhieda tieghi u cioe' illi s-socjeta' attrici kellha taghti lil boyfriend tieghi Neil Galea De Marco u kien gie miftiehem bejnithom li jkun hemm din it-tpaccija*" (fol. 53).

Mistoqsija fuq dan il-ftehim mit-Tribunal, l-intimata wiegbet u qalet li hi taf b'dan il-ftehim ghax kien qalilha l-imsemmi Neil Galea De Marco. Ziedet tghid li hi ma kienitx prezenti ghal xi negozjati li setghu ghaddew bejn is-socjeta' rikorrenti u Neil Galea de Marco. Mistoqsija jekk hi ghandhiex xi rwol fis-socjeta' MG Designs, l-intimata wiegbet fin-negattiv u qalet li l-unika haga li hemm huwa li sid din is-socjeta' huwa l-*boyfriend* taghha.

Dwar id-dokument immarkat bl-ittri MC 1, l-intimata qalet li dan id-dokument ma fihx firem u li hi qatt ma ghamlet xi ftehim mas-socjeta rikorrenti dwar tpaccija jew xi haga simili, l-intimata wiegbet fin-negattiv. L-uniku ftehim li hija kellha mas-socjeta rikorrenti kien li hi thallas ghal merkanzija li kienet tixtri minghandha.

4. Fis-seduta tat-23 ta' Mejju, 2012 xehdet **Moira Farrugia** *sales representative* tas-socjeta rikorrenti. Hija qalet li kull nhar ta' Hamis kienet tmur ghand l-intimata biex tiehu l-ordni. Meta kienet tiehu l-ordni, l-intimata kienet taghtiha pagament akkont ta' sebghin ewro (€70) fil-gimgha. Ix-xhud tkompli tghid li "*darba fost l-ohrajn meta kont mort ghandha jiena staqsejtha jekk riditx xi affarijiet u hi u cioe' l-konvenuta kienet qaltli ghalissa daqshekk orders u daqshekk pagamenti*" (fol. 25). Meta l-intimata qaltilha dan il-kliem, ix-xhud qaltilha li hi kienet ser tkellem lid-direttur taghha Neil Sullivan u ma baqghetx tinvolvi ruhha fil-kaz.

Mistoqsija in kontro-ezami jekk l-intimata kienitx qaltilha x'kienet ir-raguni l-ghala ma kienitx ser tibqa taghmel aktar ordnijiet u pagamenti, ix-xhud wiegbet fin-negattiv. Mistoqsija jekk l-intimata qattx infurmatha li kien hemm xi ftehim bejnha u bejn is-socjeta rikorrenti, x-xhud wiegbet fin-negattiv.

Finalment, ix-xhud qalet li gieghli kien hemm xi okkazzjonijiet fejn l-intimata ma tkunx thallset l-pagament dovut minnha ta' dik il-gimgha pero' mbaghad tkun hallset il-gimgha ta' wara.

5. Fis-seduta tat-23 ta' Mejju, 2012 xehed ukoll **Neil Sullivan**, direttur tas-socjeta rikorrenti. Huwa beda billi kkonferma li l-ammont ta' €506.13 kien dovut mill-intimata. Mistoqsi mit-Tribunal jekk kienx hemm xi ftehim bejn is-socjeta minnu rapprezentata u l-intimata sabiex dan l-ammont ma jithallasx jew inkella jieqaf sakemm hi tkun tista tibda thallas, ix-xhud wiegeb li "*ma kien hemm l-ebda ftehim assolutament*" (fol. 27). Zied ighid li l-"*unika ftehim li kien hemm kien il-mod kif jithallas il-kont u cioe' ta' sebghin euro fil-gimgha. Il-kont tal-konvenuta kien b'lura ghax ma setatx thallas kollox f'daqqa kien ghalhekk li jiena fthemt maghha biex hi tibda thallas seghin euro fil-gimgha* (fol. 27).

In kontro-ezami, x-xhud qal li huwa kien ikollu x'jaqsam biss mal-intimata ghar-rigward tan-negozju taghhom u ma hadd izjed. Mistoqsi dwar jekk jafx min kien Neil Galea De Marco, ix-xhud wiegeb u qal li "*jiena nafu bhala jew il-boyfriend jew il-partner tal-konvenuta pero' assolutament ma ghandi x'naqsam mieghu xejn*" (fol. 27). Zied ighid li n-negozju, huwa ghamlu mal-intimata u ma hadd izjed. Tant hu hekk li l-kont huwa fuq isem l-intimata u hadd izjed.

Gie suggerit lix-xhud li Neil Galea De Marco kien ghamel xi xoghol ta' *artwork* lis-socjeta rikorrenti u li s-socjeta rikorrenti kellha taghti xi flus lil imsemmi Galea De Marco ghal dan ix-xoghol u minhabba f'hekk l-ammont li kellha taghti l-intimata lis-socjeta rikorrenti "*kellu jigi paccut mal-ammont li jiena kelli naghti lill-Galea De Marco ghal dan l-artwork*" l-istess xhud qal li "*dan mhux minnu*" (fol. 27).

Meta gie muri d-dokument immarkat bhala dok. MC1 (fol. 48), x-xhud qal li din hija fattura mahruga fuq il-kumpanija tieghi ghal xoghlijiet ta’ *artwork* li ma sarux. In ri-ezami, x-xhud qal li din il-fattura inharget minn NGD Signs li ma ghandha x’taqsam xejn mal-intimata.

6. Fis-seduta tal-25 ta’ Frar, 2013 xehed **Neil Galea Demarco**. Huwa qal li jokkupa l-kariga ta’ direttur fis-socjeta’ NGD Signs Limited u s-socjeta’ rikorrenti hija klijenta tal-imsemmija socjeta. Zied ighid li huwa *silent partner* ta’ l-intimata fin-negozju taghha, liema negozju huwa gestit mill-fond bl-isem ta’ Dernis Snack Bar li jinsab gewwa Pitkali Road, H’Attard. Zied ighid li s-socjeta rikorrenti ghandha taghti lis-socjeta minu rapprezentata s-somma ta’ erbgha mija u sittin ewro u ghoxrin centezmu (€426.20c). Qal ukoll li huwa kien tkellem ma’ Neil Sullivan, direttur tas-socjeta rikorrenti u skond hu, kienu waslu fi ftehim li “*l-ammont li kellha taghti l-intimata lis-socjeta’ rikorrenti kellu jinqata’ mill-invoice li l-istess socjeta’ rikorrenti kellha taghti lill-NGD Signs Limited*” (fol. 69). Mistoqsi dwar id-dok. MC 1, ix-xhud qal li meta inharget din il-fattura, s-socjeta NGD Signs kienet ghadha ma saritx socjeta b’responsabbilita limitata. Minkejja dan, kompla jghid ix-xhud, “*dak kollu li ghidt dwar ftehim mas-socjeta’ rikorrenti xorta japplika*” (fol. 70).

Mistoqsi in kontro-ezami jekk huwa kellhux xi kuntratt bil-miktub ta’ dan li ghadu kif xehed dwaru, x-xhud qal li “*kuntratt bil-miktub u ffirmat ma ghandix pero’ hemm diversi e-mails li jixhdu dan il-ftehim*” (fol. 70).

Ix-xhud ghalaq ix-xhieda tieghu billi qal li d-dokument li hemm esebit u mmarkat bhala dok. MC1 (fol. 48) “*ma huwiex iffirmat mill-ebda rapprezentant tas-socjeta’ rikorrenti*” (fol. 70).

Fis-seduta tas-17 ta’ April, 2013, kompla l-kontro-ezami tax-xhud. Mistoqsi ghal email li giet esebita fil-process a fol. 73 tal-process u jekk minn qari ta’ dik l-email hemmx xi kliem **“***li jindika li saret xi set off bejn dak li kien dovut minn Marion Cucciardi u s-socjeta’ rikorrenti nghid illi le*

*ma hemm xejn bil-miktub*". Qal pero li "*l-email tikkonferma li pero' x-xoghol kien gie ordnat mis-socjeta' rikorrenti minn ghandna u s-set off imbaghad kien sar ftehim verbali fejn kien gie miftihem illi l-ammont dovut minn Marion Cucciardi jinqata minn dak li s-socjeta' rikorrenti kellha taghti lis-socjeta' minni rapprezentata NGD Signs*" (fol. 79). Ix-xhud qal ukoll li ricevuta ghal dan ix-xoghol illi s-socjeta' rikorrenti kienet qablet li naghmel ma hemmx u dan il-fatt ikompli jsahhah il-konvizzjoni tieghu li s-socjeta' rikorrenti kienet waslet fi ftehim ma' l-intimata biex l-intimata ma thallasx flus u s-socjeta' rikorrenti ma thallasx flus lili ghax ikun hemm *set off*.

Ikkunsidra ulterjorment;

7. Il-kwistjoni odjerna u li ghandu jiddeciedi dan it-Tribunal, skond ma jirrizulta mix-xhieda u dokumentazzjoni prodotta hi jekk l-intimata ghandhiex taghti flejjes lis-socjeta rikorrenti ghal merkanzija supplita minn din ta' l-ahhar lil ta' l-ewwel u f'kaz li jirrizulta li hemm xi ammont dovut, jekk l-allegat ftehim verbali li kien sar bejn is-socjeta NGD Signs Limited u s-socjeta rikorrenti dwar ammonti li din ta' l-ahhar kellha taghti allegatament lil ta' l-ewwel kienx ipaci l-ammont li talvolta kien dovut mill-intimata lis-socjeta rikorrenti.

8. Mid-dokumentazzjoni esebita mis-socjeta rikorrenti, t-Tribunal huwa sodisfatt li l-intimata kien ghad fadlilha taghti lis-socjeta rikorrenti. Di fatti mid-dokument esebit minn Joseph Busuttil fis-seduta tat-3 ta' Lulju, 2012 ghandu jirrizulta bic-car il-hlasijiet li saru mill-intimata lis-socjeta rikorrenti u l-bilanc li kien ghad fadlilha taghti. Minn qari tax-xhieda jirrizulta ukoll li l-intimata qeghda tghid li kull ammont li kien ghad fadlilha taghti lis-socjeta rikorrenti kien gie pacut ma ammont li s-socjeta rikorrenti allegatament kellha taghti lis-socjeta NGD Signs Limited, socjeta mmexxija mill-*boyfriend* ta' l-intimata. B'hekk galadarba l-allegazzjoni hi li kien hemm tpacija, dan necessarjament ifisser li kien hemm ammont pendenti u li dan l-ammont kien gie pacut ma ammont iehor. Ghalhekk, it-Tribunal isib li l-intimata verament kellha taghti lis-

socjeta rikorrenti s-somma ta’ hames mija u sitt euro u wiehed u tletin centezmi ta’ euro (€506.31c) u mhux l-ammont ta’ hames mija u tmienja u hamsin euro u wiehed u tmenin ċenteżmu ta’ euro (€558.81c) kif mitlub fit-talba odjerna.

9. Imiss issa li jigi deciz jekk kienx hemm tpaccija bejn dan l-ammont u l-ammont li allegatament kellhu jithallas lis-socjeta NGD Signs Limited mis-socjeta rikorrenti. Fuq dan il-punt, hemm divergenza bejn ix-xhieda ta’ Neil Sullivan, direttur tas-socjeta rikorrenti u Neil Galea De Marco, direttur tas-socjeta NGD Signs Limited. Filwaqt li ta’ l-ewwel ighid li ma kien hemm l-ebda ftehim dwar dan u li x-xoghol imsemmi fil-fattura li hemm esebita a fol. 48 tal-process (dok. MC1) qatt ma sar, Galea De Marco jghid li dan ix-xoghol sar u in sostenn ta’ dan huwa esebixxa email datata 17 ta’ Novembru, 2011 (fol. 73). Fir-rejalta, din l-email mibghuta mis-socjeta rikorrenti lil NGD Signs kull ma tikkonferma hija li saret ordni. Ma hemm xejn x’jindika li dan ix-xoghol effettivament sar. Giet esebita ukoll fattura datata 19 ta’ Novembru, 2011 (fol. 48), kif diga inghad li turi li kien qieghed jintalab hlas ghax-xogholijiet imsemmija fl-email datata 17 ta’ Novembru 2011. Mistoqsija jekk kienx hemm ftehim bil-miktub li juri li kellu jkun hemm tpaccija bejn l-ammont dovut mis-socjeta rikorrenti lil NGD Signs Limited u l-ammont dovut mill-intimata lis-socjeta rikorrenti, x-xhud Neil Galea De Marco wiegeb fin-negattiv, pero qal li kien hemm ftehim verbali f’dan is-sens. L-istess Galea De Marco stqarr ukoll li hu kien *silent partner* ma l-intimata fil-gestjoni tan-negozju taghha. Minkejja din il-fattura u minkejja dak li nghad minn Galea De Marco (li kien hemm ftehim verbali), liema fattura giet ikkontestata mis-socjeta rikorrenti, kif anke gie kkontestat l-allegat ftehim, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-intimata ma tistax tibbenefika minn xi ammont li talvolta jista jkun dovut mis-socjeta rikorrenti lis-socjeta NGD Signs Limited anke minhabba l-fatt li z-zewg negozji ma ghandhomx x’jaqsmu ma xulxin. Dan apparti l-fatt ukoll li ma hemm l-ebda eccezzjoni ta’ tpacija fir-risposta ta’ l-intimata.

10. Il-kont tas-socjeta rikorrenti kien isejjah lill-intimata u lil hadd izjed u minkejja r-relazzjoni li hemm bejn id-direttur tas-socjeta NGD Signs Limited u l-intimata, l-istess intimata ma tistax tibbenefika minn xi ammonti li allegatament kienu dovuti mis-socjeta rikorrenti lis-socjeta NGD Signs Limited. It-Tribunal ra ukoll in-nota miktuba minn Neil Galea De Marco (dok. MC 3 a fol. 60) u jinnota li tali nota hija miktuba minn Neil Galea De Marco u iffirmata minnu, pero ma hemm l-ebda firma tas-socjeta rikorrenti li hija kienet qeghda taccetta b'xi mod dak li hemm miktub.

11. Ghalhekk, f'dan il-kaz, ma jistax jinghadd li jista jigi applikat xi tip ta' tpaccija fuq l-ammont li huwa dovut mill-intimata lis-socjeta rikorrenti. Illi in vista ta' dak li inghad, l-eccezzjonijiet mressqa mill-intimata ma jistghux jsibu sostenn u sejrin jigu michuda.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimata fejn dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż, qieghed jilqa in parte t-talba tas-socjeta rikorrenti u jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ridotta ta' hames mija u sitt euro u wiehed u tletin centezmi ta' euro [€506.31c] bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjez jithallsu kollha mill-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------